MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 29 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 2172/1997/1

**John Tonna u Marthese Tonna**

**vs**

**Joseph Muscat**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess atturi s-somma ta’ mitejn lira (Lm200) danni kagonati lill-atturi fl-incident tat-traffiku li gara fil-31 ta’ Marzu, 1997 fi Triq il-Linja Attard waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura E1093 u l-attur dik IAA 414, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba negligenza u traskuragni.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-22 ta’ Awissu 1997 u bl-imghax legali mill-istess data sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-incident tat-traffiku meritu ta' l-avviz ma garax tort u htija tal-eccipjenti, izda gara unikament tort u htija tal-attur li minhabba negligenza u inosservanza tar-Regolamenti tat-traffiku habat mal-vettura misjuqa mill-eccipjenti bir-risultat li kkagunat hsarat fil-vettura tal-eccipjenti, dana kollu kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident ma garax tort u htija tal-eccipjenti, l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni lill-attur u ghalhekk it-talbiet tieghu ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

3. Salve eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tal-atturi (fol 49 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-attur jsostni (a fol 16 et seq ibid) illi hu kien qed jsuq il-karozza tal-marka "Skoda' numru IAA 414 F'Triq il-Linja, lejn Triq Sant Antnin, Casal Attard (ara l-iskizz a fol 14 tal-atti). Kif hu, li kien akkumpanjat minn martu, Marthese Tonna (fol et seq ibid), wasal vicin is-sinjal ta' "stop" kif minn fuq l-imsemmi skizz hu naqqas il-velocita sakemm waqaf qabel l-istess sinjal. Hawnhekk , waqt li kien wieqaf, hu ra "karozza gejja ghal fuqi" minn triq faccata tieghu. Hu kompla jispjega li kien ser jdur lejn ix-xellug tieghu, li l-habta grat "qiesu tul ta' karozza" boghod mill-imsemmi sinjal u li hu dejjem kien fuq in-naha tax-xellug ta' Triq il-Linja cjoe, "The proper side of the road" waqt li "l-iehor kien fuq in-naha tieghu tat-triq pero' kif dar, huwa gie mieghu".

Inoltre, hu kien ghafas il-brake "mad-daqqa ezatt". Difatti jidher li hu ma kienx wieqaf ghal kollox ftit qabel id-daqqa izda "kont miexi bil-mod". Ta' minn isemmi illi kif qala' d-

daqqa "… il-karozza tieghu perpret xi ftit minn wara" u "Mad-daqqa fil-fatt imxejt xi ftit". Fix-xhieda tal-attur hemm accenn ghall-fatt "illi veru li jiena accettajt li nhallas il-hsarat tal-konvenut" u spjega dan billi qal "….. aktar kelli hsara jien milli hu. Jien accettajt …. Mhux ghax dehrli li ghandi it-tort". In rigward mart l-attur, Marthese Tonna, hi semmiet li meta grat il-kollisjoni ghal habta tad-9.p.m. kienu ghadhom vicin sinjal ta' "stop" f'Triq il-Linja meta, f'daqqa wahda "rajt dawl gej qawwi ghal fuqna" minn fuq in-naha tal-lemin taghha. Kif din il-vettura ghaddiethom, nhasset "xi haga qiesha qed taghfas il-karozza taghna".

Ikkunsidrat

Illi, da parti tieghu, il-konvenut (fol 41 et seq ibid) jsostni, li meta ra l-karozza l-ohra qed tinsaq lejh, din kienet "wrong side". Ghalhekk, hu waqaf. In rigward il-vettura l-ohra, l-attur jidher li pprova jevita l-habta izda minhabba li kien ghafas il-"brake", il-karozza misjuqa mill-attur "skiddjat".

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher evidenti , fid-dawl tal-provi kif esposti minn fejn jidher li inghataw zewg versjonijiet konfliggenti da parti tal-partijiet, bl-attur "a caldo" jaccetta pero' li jhallas il-hsarat tal-konvenut, u bl-istess zewg versjonijiet ugwalment probabbli anke jekk jigi analizzat l-imsemmi skizz kif ukoll il-hsarat konsegwenzjali, illi l-atturi ma pprovawx dak li gie allegat minhhom fl-avviz in esami. Minhabba tali nuqqas ta' provi sufficjenti ghal dan il-ghan it-talbiet in esami ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, jinqasmu nofs (½) ghall-atturi u nofs (½) ghall-konvenut.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur